MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Numru. 508/2002

PULIZIJA
SPETTUR PIO PISANI
VS
PHILIP ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Philip Abela ta’ 37 sena, bin missier mhux maghruf, u Tessie xebba Abela, imwieled Pieta fl-24 ta’ Gunju 1966, u joqghod nru 4, Triq il-Fortizza, Mosta, detentur ta’ karta tal-identita numru 303466M talli f’dawn il-gejjzer u cioe fil-Mosta, nhar id-19 ta’ Gunju 2002 ikkommetta serq ta’ karozza nru RAN 024 tal-marka Peugeot ghad-dannu ta’ Godwin Mifsud, liema serq huwa aggravat bl-ammont u hin.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fil-karozza nru RAN 024 tal-marka Peugeot gharraq hwejjeg haddiehor u cioe proprjeta ta’ Godwin Mifsud, liema hsara tammonta ghal izjed minn Lm500.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi dahal fil-fond maghruf bhala Genesis sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, f'receint b'wiehed mill-mezzi imsemmijin fl-artikolu 261, 264, 265, u 266 u c-cirkostanzi juru l-hsieb ta' Philip Abela kien li jaghmel serq. Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi kkommetta serq minn Genesis sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta li serq huwa aggravat bil-hin.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe fil-hgiega ta' l-armatura tal-hanut maghruf bhala Genesis sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni Mosta proprjeta ta' John Camilleri liema hsara tammonta ghal hamsin lira maltin (Lm50).

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi dahal fil-fond maghruf bhala Mosta Electronics Hi-Fi Centre sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, f'recint b'wiehed mill-mezzi imsemminijiet fl-artikoli 264, 265, u 266 ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor, u ic-cirkostanzi jidhru li l-hsieb ta' Philip Abela kienu li jaghmel serq.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, volontajament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe fl-armatura tal-hanut maghruf bhala Mosta Electronics sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, liema hsara tammonta ghal Lm150 u dan ghad-dannu ta' Joseph Zerafa.

Talli l-istess post, data, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew hassar hwejjeg haddiehor u cioe fil-karozza Nru EAA 293 proprjeta ta' Michele Corney.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew hassar hwejjeg haddiehor u cioe fil-

karozza nru ABE 464 proprjeta ta' John Camilleri mill-Mosta.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew hassar hwejjeg haddiehor, u cioe fil-karozza nru XMN 707 ta' ghamla Honda civic licenzjata f'isem Joseph Vella.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq karozza nru RAN 024 minghajr ma kien licenzjat biex jsuq din il-vettura, u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni biex jsuq din il-vettura.

Talli fl-istess posta, data, hin u cirksotanzi saq karozza nru RAN 024, b'manjiera perikoluza u negligenti.

Talli huwa persuna recediva, u dan wara li gie ikkundannat ghal reati ohra, u is-sentenza taghhom saret definittiva.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-26 ta' Marzu 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 264, 267, 270, 325(a0 u (b), 330, 328, 49 u 50 tal-kap 9 Art 15(1)A tal-kap 65 u Art 3 tal-kap 104 u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv, u tikkundannah jhallas

multa ta’ Lm250 u tissospendielu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

In oltre tirrakomanda, illi l-imputat ghandu jaghmel programm ta’ riabilitazzjoni konra l-alkohol minn hdan il-Habs.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------